# Is-Sena 1851 u t-twaqqif tal-Casino Cospicuano



**Dr. Simon Mercieca**

Id-data tat-twaqqif tal-Banda ta' Bormla hija waħda problematika. Is-sena 1862 hija mogħtija bħala d-data li fiha twaqqfet din il-banda. Dan hu bbażat fuq il-minuti tas-Seduta Ġenerali tal-Bandisti Propjetarji ta' dan il-każin li kienet saret fit-28 ta' Ottubru tas-sena 1931. F'minuta 7, hemm irregistrat li '*il-kaxxier qal illi is-Soċjetà ilha imwaqqfa mil-1862 u ... huwa ġa sab kuntratt magħmul għand in-Nutar Salvatore Scifo bejn il-banda u l-ewwel surmast li kien fundatur tal-banda Lorenzo Grima*". In-nutar Scifo kien wieħed mill-aktar nutara ħawtiela ġewwa Bormla f'nofs is-seklu dsatax. Anzi ngħid li kien l-aktar nutar attiv f'Bormla f'dik il-ħabta. Hu ħadem ta' nutar bejn l-1848 u l-1875.

Personalment fittixt l-atti tan-nutar Scifo għas-sena 1862 u ma sibt xejn dwar it-twaqqif tal-Banda San Giorgio ta' Bormla. L-atti tan-nutar Scifo jinsabu fl-arkivju nutarili ġewwa Triq San Kristofru fil-belt Valletta. Fittixt qabel u anki wara din id-data u xorta ma sibt xejn. Dan ifisser li f'dik is-sena, u lanqas ta' qabel u anki ta' wara, ma sar l-ebda att nutarili dwar it-twaqqif tal-Banda San Giorgio ta' Bormla. Mela meta twaqqfet il-banda?

## Il-kitba ta' Giusè Belli

Riċentament kont qed inqalleb ktieb maħruġ fil-bidu tas-seklu għoxrin. Dan il-ktieb jismu *Storja ta' Malta u Għawdex*. Hu miktub minn Giusè Belli. Is-seba' volum ikopri s-snin 1914 sal-1929. Ħareġ f'Malta fl-1932. Dan il-volum fih kronaka ta' dak li ġara f'Malta, sena wara sena matul dawn is-snin. B'kollox, dan il-volum partikolari fih 2681 paġna. Din il-pubblikazzjoni kien jieħu ħsiebha l-editur Giovanni Magro.

Belli kiteb fuq l-istil tal-kotba ta' Pietru Pawl Castagna u Giovanni Faurè. Castagna kiteb *Malta bil Gzejer Tahha u li Ghadda Min Ghaliha*. Faurè kkopja lil Castagna u ħareġ *Li storia ta Malta u Ghaudex bil gzejjer tahhom u il grajjet li saru fihom*. Bħalhom għamel Giovanni Magro.

Hu beda joħroġ l-istorja ta' Malta f'faxxikli bl-isem *Storja ta' Malta u Għawdex*. Belli kiteb is-seba' volumi ta' din is-sensiela.

Bħalma għamlu Castagna u Faurè, Belli wkoll jagħti listi interessanti fl-aħħar tal-volum dwar artisti, mużiċisti u skulturi. Magħhom jagħti l-istejjer ta' dawk kollha kkundannati għall-mewt, min kienu l-bojja u ħafna tagħrif interessanti ieħor. B'hekk Belli kompla fejn ħalla Castagna, Faurè u Magro. Iżda Belli jagħti wkoll listi li wieħed ma jsibx f'dawn il-kotba ta' Castagna u Faurè. Fost il-listi li jagħti u li ma jinsabux f'Castagna u Faurè, hemm dik dwar il-ftuħ tal-ewwel każini f'Malta u Għawdex.

F'din il-lista, Belli jiffoka fuq l-ewwel każini li fetħu fis-seklu dsatax. Xi wħud minnhom żgur saru baned mużikali. Illum, meta naraw id-data tat-twaqqif ta' numru ta' każini tal-baned, id-data mogħtija mhux bilfors tirrifletti meta verament twaqqfet il-banda. Xi drabi tirrifletti meta twaqqfet il-fratellanza marbuta mal-banda jew iċ-*Circolo* li minnu tkun ħarġet il-banda.

Ma hemmx dubju, li l-ewwel banda f'Malta twaqqfet fil-Belt Valletta fis-snin għoxrin tas-seklu dsatax. Dan hu ikkollaborat fi studji ta' Pawlu Xuereb. Jinsab fil-ktieb tiegħu dwar l-istorja tat-Teatru Manoel. Fih isemmi l-preżenza ta' din il-banda fil-belt Valletta.

## Kif bdew il-każini?

F'pagna 2399, Belli jikteb dwar it-twaqqif ta' dak li jsejjaħ bħala "l-ewwel każini". Il-kliem "l-ewwel każini" kienet użata minn Belli bħala titlu għal din it-taqsima. Belli kiteb b'Malti qadim. Jien qed inkun fidil lejn it-test tiegħu iżda ser inkun qed naqleb dak li kiteb Belli għall-Malti modern ħalli jinqara aħjar.

*"Skont ma naraw fil-istorja, fi żmien l-Ordni ma kinux jeżistu każini. Il-ħsieb tan-nies sa dak iż-żmien kien dejjem wieħed, kif għandhom iżommu lit-Torok u jilqgħu l-attakki li ta' spiss 'l hemm u 'l hawn kienu jsiru bil-lejl. Hawn il-lejl, kulħadd ikun mar jistrieħ bi kwietu u filgħodu jistemgħu l-aħbarijiet illi t-tali raħal ġie imħarbat mit-Torok, qatlu ix-xjuħ, serqu kull ma sabu, u liż-żgħażagh ħaduhom irsiera.*

*Din kienet il-ħajja tal-Maltin sas-sena 1800, sakemm ġew l-Ingliżi Malta, kulħadd kien jibża', kulħadd kien jara kif idabbar rasu, u għalkemm l-irħula ta' Malta baqgħu dejjem imgħakksin, nies ftit kienu imorru joqogħdu fihom għax jibżgħu mill-attakki tat-Torok.*

*Malta mill-1800 'l hawn ħadet ħajja ġdida, in-nies ma bdewx jaħsbu aktar fl-istraġi* tat-Torok u *għalhekk kien fl-irħula bdew jabitaw in-nies*

*u dawn riedu fiex igħaddu ż-żmien, bħalma ukoll in-nies tal-ibliet u għalhekk bdew jintirmaw il-każini, li illum saru wisq numerużi.*"

F'dawn il-paragrafi, Belli ma kienx qed jikteb minn riċerka li għamel dwar żmien il-Kavalieri, iżda minn dak li n-nies fi żmienu kienu jirrakkuntaw u jgħidu x'kienu jisimgħu mingħand dawk ta' qabilhom. Belli twieled fis-seklu dsatax. Hu ma għex iż-żmien ta' meta Malta kienet tkun attakkata mit-Torok jew kienet maħkuma mill-kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Biss dak iż-żmien, speċjalment il-biża' mill-jasar, baqa' f'moħħ il-Maltin. Il-missirijiet kienu jirrakkuntaw lil uliedhom dak li huma kienu semgħu mingħand missirijiethom. Sa żmien Belli, għalhekk, kienu għadhom qed jitkellmu fuq it-Torok u l-biża' li kellhom missirijietna li jaqgħu fil-jasar.

Il-każini tagħna, mela, bdew bħala post ta' mistrieħ, mistrieħ li seta' jiġi biss għaliex dan il-perjodu ta' biża' kien spiċċa. Il-Maltin ma baqgħux jibżgħu li ser ikunu attakkati ġewwa darhom matul il-lejl u allura kulħadd kien jibża' joħroġ barra. Din hija affermazzjoni popolari interessanti ħafna, għaliex ftit illum jassoċjaw il-każini tal-baned ma' dan l-element ta' jasar jew mal-mistrieħ il-moħħ li wieħed jista' joħroġ bil-lejl. Din il-memorja storika ntilfet għal kollox. Grazzi għal Giusè Belli, din ġiet miktuba fil-ktieb tiegħu.

Biss hemm aktar minn hekk f'din il-kitba. B'każini, Belli ġa kien qed jifhem għaqdiet, primarjament tal-baned iżda mhux biss. Sallum, il-kelma każin ma tintużax biss għall-baned iżda anki għal għaqdiet politiċi. B'hekk għandna t-terminu każini politiċi. Sa żmien Belli kien għad hemm każini li kienu għadhom ma sarux każini tal-baned. Kienu għadhom *clubs* soċjali. Dawk li saru każini tal-baned salvaw u għadhom jeżistu sal-lum. L-oħrajn mietu kollha.

## L-ewwel każini f'Malta

B'hekk Belli jgħaddi biex jagħti l-lista tal-każini skont is-sena tat-twaqqif tagħhom. Għal darba oħra, ser immur fuq Belli u nagħti dak li kiteb kelma b'kelma.

"*L-ewwel każin allura kien dan:*

*Fis-sena 1821 ċertu Giovanni Taffiea (Frustier) f'bottegin li kellu tas-sigarri fi Strada Vescovo tal-Belt Valletta rama bħal każin għall-ħbieb.*

*Fl-1823 in-negozjanti istitwew każin formali li semmuh Casino San Giorgio.*

*Fl-1824 il-kbarat Ingliżi iffurmaw it-tielet famuż każin li jismu l-Union Club.*

*F'Novembru tas-sena 1847, is-sinjuri ta' Ħaż-Żebbuġ waqqfu ieħor li semmewh Gabinetto di Lettura.*

*Fl-1848, il-kbarat tal-belt waqqfu il-każin nominat il Circolo Maltese – il-membri ta' dan il-każin ħaduha mal-Gvernatur O'Ferrall u iddikjarawlu gwerra liema bħala.*

*Sena wara intrama ir-Rendezvous, każin ieħor il-Belt.*

*Fl-1850 saru il Casino Maltese imbagħad l'Unione,*

*Fis-sena 1851, is-sinjuri ta' Bormla fetħu l-ewwel każin li semmewh Casino Cospicuano.*


PRIME BUTCHER

34, Triq San Ġorġ, Bormla
Tel: 2169 2415 Mob: 9986 8502

Le Poisson
Fresh Fish Shop & Take Away

Darren Zammit

Triq l-Inkurunazzjoni
Bormla

Tel: 2750 4466
Mob: 9944 2924

Find us on: facebook
LePoissonMalta



SPHINX
PASTIZZERIA

Bormla
Tel: 2780 4288
Fgura
Tel: 2701 2588

*Ma dawn, ftit ħbieb ta' Birgu bdew jiffurmaw każin li semmewh l'Incontro.*

*Wara dana sar ieħor li issemma Casino Marittimo.*

*Fl-1854, sar każin fiż-Żejtun.*

*Ma' din il-ħabta sar ukoll każin fl-Imdina, ieħor fin-Naxxar u ieħor fir-Rabat Għawdex.*

*Fl-1857, sar it-tmien każin fil-Belt L'Indipendente.*

*Fl-1858, fil-Birgu saru żewġ każini oħra.*

*Fl-1861, fil-Belt intrama Casino San Giovanni.*

*Fl-1862, sar il-Reading Institution fl-Isla.*

*U tmien snin wara dana, iffurmaw ruħhom iż-żewġ każini tal-Belt San Paolo u L'Unione illi illum huma iż-żewġ każini kbar tal-Belt, La Valette u l-King's Own.*

*Illum ma jinsabx raħal bla każin u fl-Ibliet minn tlieta sa ħamsa wkoll.*"

Din il-lista tista' tgħin biex numru ta' każini jsibu l-oriġini vera tagħhom. Belli iffoka fuq dawk tal-Belt. Hu wera kif żewġ każini soċjali fil-Belt spiċċaw każini tal-baned, jiġifieri La Vallette u l-King's Own. Kien minn dawn il-każini soċjali li ħarġu l-każini tal-baned. B'hekk biex f'post ikun hemm banda, l-ewwel ried ikun hemm każin soċjali. Il-bidu tal-każini tal-baned tagħna tmur lejn dawn l-ewwel każini f'Malta.

Giusè Belli m'hu qed jgħid xejn ġdid dwar twaqqif ta' Soċjetà jew xi għaqda f'Bormla f'dik il-ħabta. Bianca Fiorenti għamlet referenza għall-preżenza ta' għaqda f'Bormla fil-ktieb *Malta rifugio di esuli e focolare ardente di cospirazione durante il Risorgimento Italiano* li kien ħareġ f'Malta fl-1966. F'pagni 148-150, Fiorentini tikteb dwar it-twaqqif ta' din is-Soċjetà f'Ottubru ta' 1850. Il-mod kif kitbet, Fiorentini tagħti x'wieħed jifhem li din kienet Soċjetà teatrali.

Min-naħa tiegħu, Belli qed jitkellem dwar għaqda li hu qed isejħilha każin. Skont Belli din l-għaqda kien jisimha *Casino dei Cospicuani* jew *Każin tal-Bormliżi* u twaqqfet fl-1851. Belli jżid li din kienet l-ewwel każin f'Bormla. Bil-mod ta' kif qed jikteb Belli jidher li hu kien qed jifhem każin kif nifhmu bih aħna llum. Belli jkompli jgħid li dan l-ewwel każin ġie mwaqqaf mis-sinjuri ta' Bormla. Imbagħad ma jagħtix ismijiet l-ismijiet tagħhom. Mill-atti tan-nutar Scifo nafu li l-fundatur tal-banda ta' Bormla, jiġifieri Lorenzo Grima, kien primarjament negozjant, jiġifieri wieħed mis-sinjuri ta' Bormla. Grima jidher f'numru ta' kuntratti fuq negozju u kiri ta' propjetà.

Wieħed irid jiftakar li qabel ma din il-banda preżenti ta' Bormla ħadet l-isem Banda San Giorgio kienet magħrufa bħala "*La Filarmonica dei Cospicuani* jew *il-banda tal-Bormliżi*".

## Il-Casino San Giorgio

Hu interessanti li Belli jagħti f'din il-lista t-twaqqif ta' każin ieħor. Dan twaqqaf fl-1823 minn numru ta' negozjanti u semmewh *Casino San Giorgio*. Belli ma jgħid xejn aktar dwaru. L-anqas isemmi fejn kien jinsab. Biss mill-mod kif jikteb Belli, dan kien il-Belt Valletta, għaliex Belli jgħid li *l'Indipendente* kien it-tmien każin li fetaħ fil-Belt Valletta. Biex wieħed jasal għas-seba' ta' qablu fil-lista, bil-fors irid jinkludi l-*Casino San Giorgio*. Żgur li dan ma kienx f'Bormla għaliex Belli jinsisti li l-*Casino dei Cospicuani* kien l-ewwel każin li nfetaħ f'Bormla! Dak li hu interessanti huwa jekk kienx hemm xi konnessjoni storika bejn din l-għaqda jew *Casino San Giorgio* li twaqqfet min-negozjanti fl-1823 u d-deċizjoni li kienet ittieħdet mill-membri fl-1880 biex il-banda ta' Bormla tissemma' San Giorgio. Il-banda ssemmiet għal Giorgio Barbaro, meta dan kien sar Markiż ta' San Giorgio.

Il-preżenza ta' dan il-każin msemmi San Giorgio fil-Belt tista' tkun raġuni oħra għala l-membri ta' *La Filarmonica dei Cospicuani* setgħu jsemmu l-banda tagħhom ad unur Giorgio Barbaro. Wieħed irid jgħid li f'dik il-ħabta, Bormla kienet il-belt tan-negozjanti. B'hekk ikun interessanti li jsir aktar tfittix biex jinsab x'kienet ir-rabta, dejjem jekk kien hemm waħda, bejn dan il-*Casino San Giorgio* u l-għażla biex il-filarmonika ta' Bormla tissemma' San Giorgio. Hawn ta' min wieħed jistaqsi jekk Giorgio Barbaro kienx membru ta' dan il-*Casino San Giorgio* jew jekk il-familja tiegħu kinetx fost il-fundaturi ta' dan il-każin. Hawn ukoll, hawn għalqa għal aktar riċerka.

Hu interessanti li Belli jikteb San Giorgio u mhux San Ġorġ meta fil-ktieb tiegħu jirreferi għall-banda ta' Bormla wara l-1880. Qed ngħid dan, għaliex Belli juża t-terminu San Ġorġ bil-Malti għall-'*Filarmonica San Gorg ta Hal Qormi*'. It-terminu qed inġibu eżatt kif kitbu Belli. B'hekk il-banda ta' Bormla kienet qed tkun distinta minn dik ta' Ħal Qormi. L-isem San Giorgio nżamm bit-Taljan minn Belli mhux bi qżież, iżda għaliex dan ma kienx qed jirreferi għal xi isem ta' persuna jew qaddis, li normalment ikun tradott għall-Malti, iżda għal titlu nobbiljari assoċjat ma' persuna. Għalhekk Belli ma ttraduċċihx għall-Malti. Kunjom qatt ma għandu jkun tradott. L-istess jgħodd għat-titli nobbiljarji. Dawn ukoll ma

jiġux maqluba f'ilsien ieħor!!!

## Il-*Casino dei Cospicuani*

Wara l-1880, din l-għaqda San Giorgio f'Bormla bdiet tissejjaħ ukoll *circolo*. Hawnhekk għandna l-prova li dan il-*Casino dei Cospicuani* kien il-predeċessur tal-banda ta' Bormla. Il-kelma *circolo* kienet daħlet f'Malta flok il-kelma *casino* minħabba s-sinifikat ħażin li l-kelma *casino* ħadet fil-lingwa Taljana lejn l-aħħar tas-seklu dsatax. Sas-sena 1851, il-kelma Taljana *casino* kienet għadha ma tfissirx kelma negattiva minn dawk li kienu jitkellmu bit-Taljan użat f'Malta. Biss lejn l-aħħar tas-seklu, din bdiet tieħu sinifikat xejn sabiħ għaliex bdiet tfisser post tal-prostituzzjoni.

Għalhekk, il-Bormliżi kienu fittxew kelma oħra. L-ewwel għażla tidher li kienet il-kelma *Filarmonica*. B'hekk din l-għaqda ma baqgħetx *Casino dei Cospicuani* iżda saret *La Filarmonica dei Cospicuani*. Dan l-isem baqa' jintuża sal-1880. Iżda din il-filarmonika kienet ukoll għaqda soċjali. B'hekk meta l-membri waqqgħu l-isem *dei Cospciuani* biex isemmu l-filarmonika għal Markiż Giorgio Barbaro ħassew li kellhom idaħħlu kelma oħra flok *casino*, biex tibqa' d-distinzjoni bejn il-banda u l-każin. B'hekk mal-kelma Taljana filarmonica bdiet tintuża kelma oħra Taljana *circolo*. Minn wara l-1880, il-banda ta' Bormla nsibuha tissejjaħ bit-Taljan *Circolo e Filarmonica San Giorgio*. Il-fatt li l-kelma *Circolo* nkitbet qabel il-kelma *Filarmonica* turi li din kienet ġiet l-ewwel.

Kif l-istess Belli juri, meta jiddiskuti l-baned Maltin f'parti oħra tal-ktieb, bil-kelma *circolo*, il-Maltin ta' żmienu kienu qed jifhmu dak li ta' qabilhom kienu jifhmu bil-kelma *casino,* jiġifieri dak li llum aħna nsejħu każin. Dan għaliex, sal-bidu tas-seklu għoxrin, il-każini tal-baned il-qodma kollha f'Malta kienu waqqgħu l-kelma Taljana *casino* u bdew jużaw minflokha l-kelma *circolo*. Biss il-kelma *casino* laħqet daħħlet sew fil-Malti. B'hekk il-kelma *circolo* qatt ma ħaditilha post f'ilsien il-poplu tagħna. Sal-lum, il-Maltin jitkellmu dwar 'każin tal-banda' u mhux 'ċirkolu tal-banda'. Wieħed irid jiftakar li l-kelma Maltija 'każin' ħarġet minn din il-kelma Taljana u fil-Malti żammet is-sinifikat qadim tagħha, mingħajr ma ħadet it-tifsira ta' post marbut mal-prostituzzjoni, bħalma ġara fil-ilsien Taljan.

B'hekk fi żmien Belli il-banda ta' Bormla kienet għada tagħmel distinzjoni bejn l-element mużikali jew filarmoniku u dak soċjali, jiġifieri ic-*circolo*. Belli jagħtina l-isem ta' kif din il-banda ta' Bormla kienet magħrufa bil-Malti fi żmienu. Fi żmien Belli, il-banda ta' Bormla kienet

ufficċjalment tissejjaħ '*Circolo u Filarmonica San Giorgio*'. B'hekk kien qed ikun enfasizzat li din kienet żewġ affarijiet; għaqda soċjali (*circolo*), kif ukoll banda mużikali (*filarmonica*). Biss anki jekk kien hemm perjodu fejn ufficċjalment beda jissejjaħ bil-Malti bħala *cirkolo*, in-nies baqgħu jirreferu għall-post ta' din l-għaqda Bormliża bħala każin. B'hekk fuq fomm kulħadd, dan il-post baqa' dejjem magħruf kif kien issemma' fl-1851!

Hemm aktar minn hekk f'dak li kiteb Belli. Belli jgħid li dan il-*Casino dei Cospicuani* kien l-ewwel każin li fetaħ f'Bormla. Fuq kollox, il-*Casino San Giorgio* kien għadu jeżisti fil-Belt fil-bidu tas-seklu għoxrin, iżda qatt ma sar tal-banda. Dak li hu interessanti huwa jekk kienx hemm konnessjoni storika bejn dan għaliex f'Bormla fetħu aktar minn każin tal-banda wieħed. Fi żmien Belli kien hemm żewġ każini tal-banda f'Bormla. Fil-ktieb Belli jsemmi banda oħra. Din kienet magħrufa bl-isem ta' *Società Orchestrale Nazionale*. Belli ma jagħtix is-sena meta twaqqfet u l-ebda tagħrif dwarha.

## Konklużjoni

Kif jixhed l-istess isem tagħha, il-banda San Giorgio kienet fil-passat kemm *circolo u filarmonica*. Dawn il-kelmiet flimkien mal-użu tat-terminu *dei Cospicuani* għal din il-banda qabel l-1880 isaħħu l-argument li l-banda preżenti ta' Bormla ħarġet minn dan il-*Casino dei Cospicuani*. Għalhekk, il-banda San Giorgio hija l-aktar qadima u l-ewwel każin f'Bormla.

B'hekk is-sena l-1862 tista' tkun id-data meta twaqqfet il-banda, iżda ma hiex id-data tat-twaqqif tal-għaqda li fiha din l-istess il-banda kienet bdiet topera. Bħala Soċjetà, din twaqqfet qabel, jiġifieri madwar is-sena l-1851. Dan jispjega għala kull riċerka li saret fl-atti tan-nutar Scifo tas-sena 1862 ma tat l-ebda frott. Ir-riċerka trid issir fl-atti ta' bejn is-snin 1850 u 1851, għaliex f'dawn iż-żminijiet tinsab il-vera data ta' meta twaqqfet din l-għaqda u min kiteb il-minuta fl-1931, ħallat it-twaqqif tal-*Casino Cospicuano* mat-twaqqif tal-banda fi ħdan dan l-istess każin. Nispera li dwar ir-riċerka għad-dokument nutarili ta' meta twaqqfet din l-għaqda ġewwa Bormla, madwar is-sena 1851, ikolli ċans nikteb f'ħarġa oħra.